

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 30.4.2008
KUMM(2008) 229 finali

2008/0090 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SFOND

1.1. L-implimentazzjoni tad-dritt pubblika għall-aċċess ta' dokumenti

L-Artikolu 255 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea jagħti lil kull ċittadin ta' l-Unjoni Ewropea u lil kull persuna naturali u ġuridika li għandha r-residenza jew l-uffiċċju reġistrat tagħha fi Stat Membru d-dritt ta' aċċess għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. Il-prinċipji u l-limiti li jiggvernaw dan id-dritt ta' aċċess ġew determinati mir-Regolament (KE) Nru 1049/2001¹ dwar l-aċċess pubblika għal dokumenti tal-Parlament u tal-Kunsill Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea, li ġie applikat fit-3 ta' Diċembru 2001.

F'rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament, ippubblikat fit-30 ta' Jannar 2004, l-Kummissjoni kkonkludiet li dan ir-Regolament haqdem tajjeb haqfa. Għalhekk, ikkunsidrat li ma kienx hemm bżonn temenda r-Regolament f'qasir żmien, peress illi se jkollha tirrevedih mill-ġdid wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa.

1.2. Raġunijiet għar-reviżjoni ta' Regolament eżistenti

Fid-9 ta' Novembru 2005, il-Kummissjoni ddeċidiet tibda "l-Inizjattiva Ewropea dwar it-Trasparenza"², sforz lejn iżjed trasparenza li kienet tinkludi revizzjoni tar-Regolament.

F'Reżoluzzjoni adottata fl-4 ta' April 2006³, il-Parlament Ewropew sejjaħ lill-Kummissjoni biex tressaq proposti għall-emenda ta' dan ir-Regolament.

Fl-istess ħin, fis-6 ta' Settembru 2006, l-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw Regolament ġdid li japplika l-Konvenzjoni ta' Aarhus⁴ fuq l-istituzzjonijiet u l-entitajiet tal-Komunità Ewropea, li jinteraġixxi mar-Regolament 1049/2001 dwar l-aċċess għad-dokumenti li jinkludu informazzjoni ambjentali.

Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 ġie applikat għal sitt snin, li matulhom l-istituzzjonijiet haqdu iżjed esperjenza fl-implimentazzjoni tiegħu. Iżjed minn hekk, ġiet żviluppata każisitika u numru ta' lmenti ġew solvuti mill-Ombudsman Ewropew. Għalhekk, l-istituzzjonijiet huma f'pożizzjoni li jevalwaw mill-ġdida l-l-operat tar-Regolament u jirranġawh kif xieraq.

¹ ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

² Il-minuti tal-laqgħa tal-Kummissjoni Nru 1721 tad-9 ta' Novembru 2005, punt 6; ara wkolla d-dokumenti SEG(2005) 1300 u SEG(2005) 1301.

³ P6_A(2006) 052.

⁴ Il-Konvenzjoni dwar l-Aċċess għall-Infommazzjoni, l-Parteċipazzjoni pubblika fit-Teħid tad-Deċizzjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali, magħmul f'Aarhus, fid-Danimarka, fil-25 ta' Ġunju 1998.

ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus għala stituzzjonijiet u entitajiet Komunitarji, (ĠU L 264 tal-25.9.2006, paġna 13).

Biex tkun ħadet l-ewwel pass f'dan il-proċess ta' reviżjoni, il-Kummissjoni ppubblikat fit-18 ta' April 2007 'Green Paper', li kienet l-bażi ta' konsultazzjoni pubblika dwar il-kwistjoni⁵ L-eżitu ta' din il-konsultazzjoni tqassar frapport ppubblikat f'Jannar 2008.

2. KWISTJONIJIET LI ĠEW KKUNSIDRATI FIL-PROĊESS TA' REVIŻJONI

2.1. *Ir-Reżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-4 ta' April 2006*

Fir-Reżoluzzjoni tiegħu ta' l-4 ta' April 2006, imsemmija hawn fuq, l-Parlament fformula ħames rakkomandazzjonijiet, li l-Kummissjoni kkunsidrat kif dovut meta għamlet l-abbozz tal-proposta preżenti.

2.1.1. *Il-fini tal-bażi legali u l-iskop tar-Regolament*

Skonda l-Parlament, il-preambolu tar-Regolament għandu jikkjarifika li l-Artikolu 255 tat-Trattat ta' l-KE huwa l-bażi legali biex jiġu implimentati l-prinċipji ta' trasparenza u qrubija u l-bażi legali kruċjali għat-trasparenza u l-konfidenzjalità.

Peress li l-Artikolu 255 jirrigwarda l-aċċess pubbliku għal dokumenti, il-Kummissjoni tipproponi li tiċċara l-fini tar-Regolament kif xieraq fl-Artikolu 1.

2.1.2. *Trasparenza leġiżlattiva sħiħa*

Id-dokumenti preparatorji kollha marbutin ma' atti legali għandhom kunu aċċessibli direttament mill-pubbliku.

Din ir-rakkomandazzjoni hija aċċettata bi sħiħ u indirizzata fl-Artikolu 12.

2.1.3. *Ir-regoli tal-kunfidenzjalità*

Il-Parlament irrakkomanda li għandhom jiġu stipulati regoli għall-klassifikazzjoni ta' dokumenti fir-Regolament u jiġi żgurat l-kontroll parlamentari ta' l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli u l-aċċess għal dawn id-dokumenti.

Il-klassifikazzjoni tad-dokumenti ma' teskludihomx per se mid-dritt pubbliku ta' aċċess. Għalhekk, l-Kummissjoni tikkonsidra li regoli speċifiċi dwar l-klassifikazzjoni u l-amministrazzjoni ta' materjal kklassifikat m'għandhomx jiġu stipulati f'Regolament dwar l-aċċess pubbliku.

2.1.4. *L-aċċess għal dokumenti ta' Stat Membri*

Il-Parlament ried jillimita u jiddeskrivi aħjar s-setgħa li għandhom l-Istati Membri li joppono l-kxif tad-dokumenti tagħhom.

L-Artikolu ġdid 5(2), li jikkunsidra wkoll sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-kwistjoni, jistipula li l-Istati Membri għandhom jagħtu raġunijiet meta jitolbu lil xi istituzzjoni biex ma tikxifx dokumenti li joriġinaw minnhom.

⁵ Green Paper "l-Aċċess tal-Pubbliku għal Dokumenti miżmuma mill-istituzzjonijiet tal-Komunità Ewropea – Reviżjoni" - KUMM(2007) 185.

2.1.5. *Reġistri u regoli ta' l-arkivjar*

Il-Parlament jirrakomanda t-twaqqif ta' punt ta' aċċess uniku fir-rigward ta' leġiżlazzjoni preparatorja, żona ta' aċċess komuni għar-reġistri ta' l-istituzzjonijiet u regoli komuni dwar l-arkivjar ta' dokumenti.

Il-Kummissjoni taqbel bi sħiħ ma' din ir-rakkomandazzjoni. Iżda din tista' tiġi implimentata mingħajr ma jiġi emendat ir-Regolament.

2.2. *L-eżitu tal-Konsultazzjoni Pubblika*

Ir-risposta għall-mistoqsijiet sottomessi għall-konsultazzjoni pubblika hija miġbura fil-qosor kif ġej⁶. Fil-proposta preżenti, l-Kummissjoni kkunsidrat l-opinjonijiet tal-biċċa l-kbira ta' dawk li wiegħbu għal kull kwistjoni msemmija fil-'Green Paper'.

2.2.1. *Tixrid attiv*

L-aċċess għar-reġistri u l-websajts għandu jkun aktar faċili u aktar armonizzat. L-ambitu tar-reġistri tal-Kummissjoni għandu jiġi estiż. L-ċittadini jieħdu gost aktar b'politika ta' kxif iżjed proattiva.

It-trasparenza attiva dwar leġiżlazzjoni qiegħda tiġi indirizzata fl-Artikolu 12. L-Artikolu 11 u l-Artikolu 12 kif emendat jipprovdu bażi legali xieraq għar-reġistri u l-websajts li huma iżjed komprensivi u huwa eħfef biex sir aċċess għalihom.

2.2.2. *L-approssimazzjoni tar-Regolament 1049/2001 mal-Konvenzjoni ta' Århus*

Il-proposta biex isir prossimazzjoni tar-Regolament mal-proviżjonijiet dwar l-aċċess ta' nformazzjoni dwar l-ambjent (ir-Regolament 1367/2006 li jimplimenta l-Konvenzjoni ta' Århus) ġiet appoġġjata minn bosta. Riżervi ġew stabbiliti prinċipalment minn Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi (NGOs) favur l-ambjent u mis-setturi tal-kimika u tal-bioteknoloġija.

L-approssimazzjoni hija riflessa fl-Artikoli emendati 4(1) u (2) u 5 (2).

2.2.3. *Il-protezzjoni tad-data personali*

Il-prattika attwali, fejn ismijiet u *data* personali oħra ma jidhrux f'dokumenti li jkunu se jinkixfu, ġiet ipperċeputa bħala ristretta wisq, b'mod partikolari fejn persuni qegħdin jaġixxu f'inkarigu pubbliku. Il-Qorti ta' Prima Istanza tat s-sentenza tagħha dwar l-kwistjoni (ara punt 2.3.1 hawn isfel).

Id-dispożizzjoni rilevanti tfasslet mill-ġdid kif xieraq fl-Artikolu ġdid 4(5).

2.2.4. *Protezzjoni ta' interessi kummerċjali*

L-awtoritajiet pubbliċi u s-settur korporattiv huma tal-fehma li r-regoli attwali jilhqqu bilanċ tajjeb. Iżda, ġurnalisti, OGNs u l-biċċa l-kbira ta' ċittadini individwali jaħsbu li għandu jsir enfasi akbar fuq l-interess dwar l-kxif ta' dokumenti.

⁶ Rapport sħiħ dwar l-eżitu tal-konsultazzjoni ġie ppubblikat fis-16 ta' Jannar 2008 f'Dokument ta' Ħidma ta' l-Istaff tal-Kummissjoni [SEC(2008) 29;a l-kontribwizzjonijiet kollha huma ppubblikati fuq l-websajta ddedikat għalihom http://ec.europa.eu/transparency/revision/index_en.htm

Għalhekk, l-Kummissjoni ma tipproponix li tamenda din il-proviżżjoni.

2.2.5. *L-amministrazzjoni ta' talbiet eċċessivi*

Parti żgħira mill-Istati Membri u s-settur privat jappoġġjaw miżuri speċifiċi li jidderogaw mir-regoli normali fejn ikun hemm talbiet eċċessivi. L-istati Membri jinsistu li miżuri bħal dawn għandhom ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi. L-Ombudsman, parti żgħira mill-Istati Membri u mill-NGOs huma kontra regoli speċifiċi dwar talbiet eċċessivi.

Il-Kummissjoni ma tipproponix proviżjoni biex jiġu rrifjutati talbiet li jistgħu jitqiesu bħala eċċessivi. Minflok, ipproponiet li testendi l-kapaċità li titlob għal kjarifikazzjonijiet taħt l-Artikolu 6(2) għal każijiet fejn d-dokumenti mitlubin ma jistgħux jiġu identifikati faċilment.

2.2.6. *Il-kunċett ta' "dokument"*

Il-fehma ġenerali f'dan ir-rigward hija li d-definizzjoni mifruxa attwali għandha tinżamm. Kjarifikazzjoni fir-rigward ta' *databases* kif proposta mill-'Green Paper' kienet tintlaqa' tajjeb.

Definizzjoni aktar preċiża ta' 'dokument' hija mogħtija fl-Artikolu emendat 3(a), li jkopri wkoll nformazzjoni miżmum f'*databases* ellettroniċi.

2.2.7. *Oqfsa ta' żmien għall-applikazzjoni ta' eċċezzjonijiet*

Il-proposta li ġrajjiet, li għalihom dokumenti ma jkunux aċċessibbli, għandhom jiġu definiti, ma ngħatatx daqshekk appoġġ. Mill-banda l-oħra, l-iżvelar sistematiku ta' dokumenti wara ġrajjiet speċifiċi u ħafna qabel l-limitu taż-żmien ta' 30 sena sabiex jinfetħu l-arkivji, ntogħġbot. Iżda, mill-esperjenza naraw li, l-aċċess ried jiġi sistematikament rrifjutat fir-rigward ta' dokumenti tal-proċeduri ġudizzjarji jew kważi ġudizzjarji qabel ma tkun saret seduta pubblika jew tkun adottata deċiżjoni finali. Dan ġie wkoll ikkonfermat mill-ġurisprudenza (ara punt 2.3.3)

Il-Kummissjoni tipproponi li taġġusta l-Artikolu 2

2.2.8. *L-Ambitu tar-Regolament*

Ħafna minn dawk li wiegħbu għall-'Green Paper' saqsew għall-estenzjoni ta' l-ambitu tar-Regolament għall-istituzzjonijiet, l-organizzazzjonijiet u l-aġenziji kollha ta' l-UE.

Estenzjoni bħal din m'hijiex possibbli taħt t-Trattat attwali, iżda se tintlaħaq meta t-Trattat dwar l-Iffunzjonar ta' l-Unjoni jidħol fis-seħħ.

2.2.9. *L-aċċess ta' dokumenti li joriġinaw mill-Istati Membri*

Din il-kwistjoni tqajmet ukoll minn xi wħud minn dawk li wiegħbu, kif ukoll mir-Risoluzzjoni tal-Parlament (ara l-punt 2.1.4 hawn fuq). Fl-istess ħin din il-kwistjoni ġiet kkjarifikata minn sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara l-punt 2.3.2).

2.3. *Ġurisprudenza reċenti*

F'serje ta' sentenzi, il-Qorti ta' Prima Istanza u l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidew fuq xi kwistjonijiet ewlenin dwar l-applikazzjoni tar-Regolament, li qegħdin jiġu ndirizzati f'din il-proposta.

2.3.1. *L-aċċess għal data personali*

Fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Novembru 2007 fil-Każ tal-Lager Bavarian⁷, l-Qorti ta' Prima Istanza interpretat l-eċċezzjoni dwar l-protezzjoni ta' *data* personali u kkunsidrat ir-relazzjoni bejn ir-Regolament 1049/2001 u r-Regolament dwar l-protezzjoni ta' *data*⁸.

Ir-relazzjoni bejn ir-Regolamenti dwar l-aċċess pubbliku u l-protezzjoni ta' *data* personali hija kkjarifikata fl-Artikolu ġdid 4 (5).

2.3.2. *L-aċċess għal dokumenti li joriġinaw mill-Istati Membri*

Fit-18 ta' Diċembru 2007, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat il-ġudizzju tal-Qorti ta' Prima Istanza tat-30 ta' Novembru 2004 f'każ li tikkonċerna d-dritt ta' l-Istati Membri biex jopponu l-iżvelar mill-istituzzjonijiet ta' dokumenti li joriġinaw minnhom⁹.

L-Artikolu l-ġdid 5(2) se jieħu post il-proviżjoni eżistenti fl-Artikolu 4(5)

2.3.3. *L-applikabilità ta' eċċezzjonijiet qabel u wara ġrajja speċifika.*

Fis-sentenza tagħha tat-13 ta' April 2005 fil-każ li tikkonċerna l-aċċess ta' fajl ta' kartell¹⁰, il-Qorti ta' Prima Istanza ddeċidiet li, fil-prinċipju, istituzzjoni li qiegħda tirċievi applikazzjoni għall-aċċess ta' dokumenti għandha tagħmel evalwazzjoni ndividwali konkreta tal-kotenut tad-dokumenti li sar referenza għalihom fit-talba. Iżda, tista' ma tkunx meħtieġa evalwazzjoni ndividwali bħal din jekk, minħabba ċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, d-dokumenti mitlubin huma manifestament koperti minn eċċezzjoni għad-dritt ta' l-aċċess. F'sentenza reċenti, l-Qorti kkunsidrat li sottomissjoni bil-miktub lill-Qrati kienu manifestament koperti mill-eċċezzjoni bl-għan li tipproteġi l-proċeduri tal-qorti qabel ma tkun saret seduta orali¹¹.

Id-dispożizzjonijiet ġodda ġew miżjuda taħt l-Artikolu 2 (5) u (6).

⁷ Il-Każ 194/04, Il-Bavarian Lager Company Ltd. kontra l-Kummissjoni, li għadu ma ġiexa rrapportat
⁸ Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar l-protezzjoni ta' a ndividwi rigward l-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u korpi tal-Komunità u rigwarda l-moviment ħieles ta' dina d-*data* (ĠU L 8, tat-12.1.2001, p. 1).

⁹ Il-Każ C-64/05 P, *Sweden and others v Commission*, li għada ma ġietxa rrapurtata, l-appell kontra l-ġudizzju tas-CFI fil-Każ T-168/02, *Fond Internazzjonali għall-Benesseri ta' l-Annimali (IFAW) v Commission*, [2004] ECR, p. II-4135.

¹⁰ Il-Każ T-2/03, *Verein für Konsumenteninformation v Commission*, [2005] ECR, p. II-1121.

¹¹ Il-Ġudizzju tal-QPI tat-12 ta' Settembru 2007, każ t-36/04, *Association de la Presse Internationale asbl v Commission*, li għadu ma ġiexa rrapurtat.

3. BIDLIET PROPOSTI FIR-REGOLAMENT (KE) NRU 1049/2001

3.1. *L-iskop u l-Benefiċjarji tar-Regolament – l-Artikoli 1 u 2*

It-test fl-Artikolu 1(a) huwa modifikat xi ftit sabiex jikkjarifika li l-fini tar-Regolament huwa li tagħti lill-pubbliku aċċess għal dokumenti. Dan huwa konsistenti mal-bażi legali u ġie kkonfermat mill-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Prima Istanza¹²

Id-dritt ta' l-aċċess se jingħata lil kull persuna naturali jew ġuridika, tkun xi tkun innazzjonalità tiegħu/tagħha jew l-Istat fejn huwa/hija reżidenti. B'dan il-mod r-Regolament huwa konsistenti mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 dwar l-aċċess ta' nformazzjoni f'kwistjonijiet fil-qasam ta' l-ambjent¹³ l-Artikolu 2(1) huwa emendat kif xieraq u l-Artikolu 2(2) huwa mħassar.

3.2. *l-Ambitu u d-Definizzjonijiet – Artikoli 2 u 3*

Huwa speċifikat fl-Artikoli 2(2) li r-Regolament japplika għad-dokumenti kollha li jinżammu minn xi istituzzjoni li jikkonċernaw xi kwistjoni relatata mal-politiki, l-attivitajiet u d-deċizzjonijiet li jaqgħu taħt l-isfera tar-responsabbiltà tagħha. Fit-test attwali dan l-aspett huwa msemmi taħt d-definizzjoni ta' "dokument" fl-Artikolu 3(a). Iżda, dan huwa relatat ma' l-ambitu tar-Regolament iżjed milli mad-definizzjoni tal-kunċett ta' "dokument".

Paragrafu ġdid bin-numru 5 ġie miżjud fl-Artikolu 2 biex jikkjarifika li d-dokumenti sottomessi lill-Qrati minn partijiet oħra barra l-istituzzjonijiet ma jaqgħux fi ħdan l-ambitu tar-Regolament. Ta' min jinnota li l-Qorti tal-Ġustizzja hija eskluża mid-dritt ta' l-aċċess pubbliku taħt l-Artikoli 255 tat-Trattat ta' l-UE u li t-Trattat ta' Liżbona jestendi dan id-dritt sal-Qorti tal-Ġustizzja iżda fil-każ ta' dokumenti li huma relatati ma' l-attivitajiet amministrattivi tagħha.

L-aċċess ta' dokumenti relatati ma' l-eżerċizzju tal-poteri nvestigattivi ta' istituzzjoni għandu jiġi eskluż sakemm d-deċizzjoni rilevanti ma' tistax tibqa' tiġi sfidata minn azzjoni ta' annullament jew sakemm l-investigazzjoni tingħalaq. Matul din il-fażi ta' nvestigazzjoni, r-regoli speċifiċi ta' dan il-qasam biss se japplikaw. Ir-Regolamenti li jiggvernaw l-kompetizzjoni u l-proċeduri tad-difiża tal-kummerċ (*anti-dumping*, dawk kontra s-sussidji u dawk ta' salvagwardja) u proċeduri taħt ir-Regolamenti dwar l-Ostakoli tal-Kummerċ fihom dispożizzjonijiet dwar drittijiet ta' aċċess għal partijiet nteressati u provizzjonijiet dwar l-pubbliċità¹⁴ Dawn ir-regoli kienu jkunu mxejjlin li kieku l-pubbliku kellu jingħata aċċess iżjed mifruż taħt r-Regolament (KE) Nru 1049/2001. L-informazzjoni miġbura minn persuni naturali jew legali matul investigazzjonijiet bħal dawn għandha tibqa' taħt protezzjoni wara li d-deċizzjoni rilevanti tkun saret definitiva.

¹² Il-ġudizzju tas-6 ta' Lulju 2006, każijiet konġunti T-391/03 u T-70/04, *Franchet and Byk v Commission*, ECR [2006], p. II-2023.

¹³ Ara n-nota tal-qiegħ 5.

¹⁴ Ara l-Artikoli 27, 28 u 30 tar-Regolament 1/2003 (il-kompetizzjoni), l-Artikoli 6(7) u 14(2) u r-Regolament 384/96 (*anti-dumping*), l-Artikoli 11(7) u 24(2) tar-Regolament (KE) Nru 2026/97 (proċeduri kontra s-sussidji), l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 3285/94 (salvagwardja) u l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 519/94 (salvagwardja kontra pajjiżi li mhumieq membri tad-WTO).

Id-definizzjoni mifruxa tal-kunċett ta' "dokument" fl-Artikolu 3(a) hija miżmuma. Iżda, "dokument" teżisti biss jekk ikun ġie trazzmess lil min kellu jirċivieh jew imdawwar fi ħdan l-istituzzjoni jew li jkun ġie rreġistrat b'mod ieħor. Min naħa l-oħra, id-definizzjoni ta' "dokument" għandha tinkludi *data* miżmuma ġo sistemi elettroniċi sakemm dawn jistgħu jiġu estratti f'forma li tinqara.

3.3. *Eċċezzjonijiet – Artikolu 4*

L-eċċezzjoni mmirata lejn il-protezzjoni ta' l-ambjent, stipulata fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament 1367/2006, hija miżjuda taħt l-Artikolu 4(1) tar-Regolament 1049/2001 biex dan ir-Regolament jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ġejjin mill-Konvenzjoni ta' Aarhus. Għal raġunijiet ta' ċarezza l-inċiżi ġew mibduln b'ittri.

Barra minn hekk bil-għan li dan ir-Regolament jikkonforma mal-Konvenzjoni ta' Aarhus, l-eċċezzjoni mmirata lejn il-protezzjoni ta' nteressi kummerċjali fl-Artikolu 4(2) mhix se tapplika għall-informazzjoni dwar emissjonijiet li hija rilevanti għall-protezzjoni ta' l-ambjent. B'konsegwenza, l-protezzjoni ta' drittijiet dwar proprjetà ntellektwali hija msemija bħala eċċezzjoni separata.

Il-kunċett ta' "proċeduri tal-qrati" huwa kjarifikat u jinkludi l-arbitrazzjoni u l-proċeduri ta' soluzzjoni għat-tilwim.

Eċċezzjoni ġdida hija miżjuda, immirata lejn l-protezzjoni ta' proċeduri li jwasslu għas-selezzjoni ta' persunal u partijiet kontraenti. It-Trasparenza f'dawn l-oqsma hija rregolata mir-Regolamenti tal-Persunal u mir-Regolament Finanzjarju. Funzjonament tajjeb tal-bordijiet ta' l-għażla u kunitati ta' evalwazzjoni għandha tiġi salvagwardjata.

L-Artikolu 4(3) ġie miktub mill-ġdid għal raġunijiet ta' ċarezza iżda s-sostanza tiegħu ma ġietx mibdula.

L-Artikoli 4(4) u 4(5) tressqu fl-Artikolu 5, peress li fihom regoli ta' proċedura iżjed milli eċċezzjonijiet.

L-Artikolu 4(1) (b) dwar l-aċċess għal *data* personali tressaq fl-Artikolu ġdid 4(5) u ġie fformulat mill-ġdid sabiex jikkjarifika r-relazzjoni bejn ir-Regolamenti (KE) Nru 1049/2001 u 45/2001 (il-protezzjoni ta' *data* personali).

3.4. *Konsultazzjoni ma' Partijiet Terzi – Artikolu 5*

L-Artikolu ġdid 5(2) jistipula l-proċedura li għandha tiġi segwita fil-każ li huwa mitlub l-aċċess għal dokumenti li joriġinaw mill-Istati Membri. L-Istat Membru jrid jiġi konsultat ħief jekk hija ċara li d-dokumenti għandhom jew m'għandhomx ikunu mikxufin; jekk l-Istat Membru jagħti raġunijiet għalfejn ma jridx jikxef id-dokumenti mitluba, li jkunu bbażati fuq ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jew fuq regoli rilevanti simili u speċifiċi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu, l-istituzzjoni se tiċħad l-aċċess għal dawn id-dokumenti. Din id-dispożizzjoni ġdida tikkunsidra s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Każ ta' appell C-64/05P (ara t-taqsima 1.5.2 hawn fuq).

3.5. *Regoli ta' Proċedura – Artikoli 6, 8 u 10*

L-Artikoli 6(2) huwa emendat sabiex jikkunsidra każijiet fejn id-dokumenti mitlubin ma jistgħux jiġu identifikati faċilment.

Fl-Artikolu 8, il-limitu taż-żmien biex tiġi pproċessata applikazzjoni konformitarja huwa estiż sa 30 ġurnata tax-xogħol, bil-possibilità ta' estenzjoni ulterjuri ta' 15-il ġurnata tax-xogħol. L-esperjenza wriet li huwa kważi impossibbli li tiġi pproċessata applikazzjoni konformitarja fiż-żmien 15-il ġurnata tax-xogħol. L-amministrazzjoni ta' applikazzjoni konformitarja tinhtiegħ iżjed żmien peress li applikazzjoni bħal din twassal għal deċiżjoni formali ta' l-istituzzjoni, li għaliha japplikaw regoli ta' proċedura stretti.

Paragrafu ġdid huwa miżjud fl-Artikolu 10, li jikkjarifika li, fejn modalitajiet speċifiċi għall-aċċess huma stipulata mill-liġi nazzjonali jew ta' l-UE, dawn għandhom ikunu rispettati. Dan huwa l-każ b'mod partikolari fejn l-aċċess huwa soġġett għal-ħlas ta' miżata, li huwa sors ta' dħul għall-organizzazzjoni li pproduċiet id-dokumenti.

3.6. *Tixrid Attiv – Artikolu 12*

Din id-dispożizzjoni ġiet abbozzata mill-ġdid bil-fini li jingħata l-aċċess dirett għall-dokumenti, li huma parti ta' proċedura li jwasslu għal adozzjoni ta' atti leġiżlattivi ta' l-UE jew atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali. Dokumenti bħal dawn għandhom ikunu aċċessibbli mill-istituzzjonijiet mill-bidu nett, sakemm ma jkunx ċar li tapplika eċċezzjoni għad-dritt ta' aċċess tal-pubbliku.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 255(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ([¹⁵]),

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat¹⁶,

Billi:

↓ ġdid

- (1) Numru ta' bidliet sostanttivi għandhom isiru lir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni¹⁷ Dan id-dokument għandu jitfassal mill-ġdid fl-interess taċ-ċarezza

↓ 1049/2001 Premessa (1)

- (2) It-tieni sottoparagrafu ta' l-Artikolu 1 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jħaddan fih il-kunċett ta' trasparenza, billi jgħid li t-Trattat huwa stadju ġdid fil-proċess tal-ħluq ta' għaqda dejjem eqreb fost il-popli ta' l-Ewropa, fejn id-deċiżjonijiet jittieħdu bl-aktar mod miftuħ, u l-eqreb liċ-ċittadin, possibbli.

¹⁵ ĠU C [...], [...], p. [...].

¹⁶ ĠU C [...], [...], p. [...].

¹⁷ ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

↓1049/2001 Premessa (2)

- (3) It-trasparenza tgħin liċ-ċittadin jieħu sehem fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet b'mod aktar mill-qrib, u jggarantixxi li l-amministrazzjoni tgawdi aktar leġittimità u tkun aktar effettiva u kontabbli liċ-ċittadin f'sistema demokratika. It-trasparenza ssaħħaħ il-prinċipji tad-demokrazija u r-rispett lejn id-drittijiet fundamentali, kif stabbilit fl-Artikolu 6 tat-Trattat ta' l-UE u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.
-

↓1049/2001 Premessa (3)
(adattat)

~~Il-konklużjonijiet tal-laqgħat tal-Kunsill Ewropew li saru f'Birmingham, f'Edinburga u f'Kopenhagen emfasizzaw il-bżonn li tiddaħħal aktar trasparenza fix-xogħol ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni. Dan ir-Regolament jikkonsolida l-inizjattivi li diġà ttehd u mill-istituzzjonijiet bi skop li jsaħħu t-trasparenza tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.~~

↓ġdid

- (4) Il-prinċipji ġenerali u l-limiti għal raġunijiet ta' interess pubbliku jew privat li jirregolaw id-dritt ta' l-aċċess pubbliku għal dokumenti ġew stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001, li sar applikabbli fit-3 ta' Diċembru 2001¹⁸
- (5) L-ewwel evalwazzjoni ta' l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 saret frapport ippubblikat fit-30 Jannar 2004¹⁹ Fid-9 ta' Novembru 2005, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda l-proċess li jwassal għal reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 F'Reżoluzzjoni adottata fl-4 ta' April 2006, il-Parlament Ewropew sejjaħ lil-Kummissjoni biex tissottometti proposti għall-emenda ta' dan ir-Regolament²⁰. Fit-18 ta' April 2007, il-Kummissjoni ppubblikat 'Green Paper' dwar ir-reviżjoni tar-Regolament²¹ u bdiet konsultazzjoni pubblika.
-

↓1049/2001 Premessa (4)

- (6) Il-fini ta' dan ir-Regolament huwa li jagħti l-akbar effett possibbli lid-dritt ta' l-aċċess pubbliku għad-dokumenti u li jistipula l-pinċipji ġenerali u l-limiti fuq dan l-aċċess skond l-Artikolu 255(2) tat-Trattat tal-KE.

¹⁸ ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

¹⁹ KUMM(2004) 45.

²⁰ [...]

²¹ KUMM(2007) 185.

↓1049/2001 Premessa (5)
(adattat)

- (7) Peress li l-kwistjoni ta' l-aċċess għad-dokumenti m'hijiex koperta mid-dispożizzjonijiet ~~tat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea ta' Fihom u l-Azzar u~~ tat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom, skond id-Dikjarazzjoni Nru 41, meħmuża ma' l-Att Finali tat-Trattat ta' Amsterdam, jqisu dan ir-Regolament bħala gwida fir-rigward ta' dokumenti dwar l-attivitajiet koperti minn ☒ dak it-Trattat ☒ ~~dawk iż-żewġ Trattati.~~
-

↓1049/2001 Premessa (7)

- (8) Skond l-Artikoli 28(1) u 41(1) tat-Trattat ta' l-UE, id-dritt ta' l-aċċess japplika wkoll għad-dokumenti dwar il-politika estera u ta' sigurtà komuni u dwar il-koperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali. Kull istituzzjoni għandha tirrispetta r-regoli tas-sigurtà tagħha.
-

↓ġdid

- (9) Fis-6 ta' Settembru 2006, il-Parlament u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Århus dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid tad-Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali għall-istituzzjonijiet u l-entitajiet Komunitarji ²². Fir-rigward ta' l-aċċess għal dokumenti li fihom infurmazzjoni ambjentali, dan ir-Regolament għandu jkun konsistenti mar-Regolament (KE) Nru 1367/2006.
- (10) Kwalunkwe *data* personali inkluża fil-Kuntratt għandha tiġi proċessata skond ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 dwar protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet Komunitarji u dwar il-moviment ħieles ta' din id-*data* ²³.
- (11) Regoli ċari għandhom jiġu stabbiliti fir-rigward tal-kxif ta' dokumenti li joriġinaw mill-Istati Membri u ta' dokumenti ta' partijiet terzi li huma parti minn fajls ta' proċeduri ġudizzjarji jew li jkunu nġabru mill-istituzzjonijiet permezz ta' poteri speċifiċi ta' investigazzjoni mogħtija lilhom mill-liġi ta' l-UE.

²² ĠU L 264, 25.9.2006, p. 13.

²³ ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

↓1049/2001 Premessa (6)

- (12) Għandu jingħata aktar aċċess għal dokumenti f'każijiet fejn l-istituzzjonijiet jaġixxu fil-kapaċitajiet leġiżlattivi tagħhom, inklużi daww taħt setgħat delegati, filwaqt li fl-istess ħin tinżamm l-effettività tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' l-istituzzjonijiet. Dawn id-dokumenti għandhom isiru direttament aċċessibbli bl-aktar mod possibbli.

↓ġdid

- (13) It-trasparenza fil-proċess leġiżlattiv hija ta' importanza kbira għaċ-ċittadini. Għalhekk, l-istituzzjonijiet għandhom jiddessiminaw b'mod attiv dokumenti li huma parti mill-proċess leġiżlattiv. It-tixrid attiv ta' dokumenti għandu jiġi mhegġegħ f'oqsma oħra.

↓1049/2001 Premessa (8)

- (14) L-aġenziji kollha mwaqqfa mill-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-prinċipji stabbiliti f'dan ir-Regolament, sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament fl-attivitajiet kollha ta' l-Unjoni.

↓1049/2001 Premessa (9)

- (15) Xi dokumenti għandhom jingħataw trattament speċjali, minħabba l-kontenut sensittiv ħafna tagħhom. Arranġamenti sabiex il-Parlament Ewropew jiġi avżat dwar il-kontenut ta' dawn id-dokumenti għandhom isiru permezz ta' ftehim bejn l-istituzzjonijiet.

↓1049/2001 Premessa (10)

- (16) Aċċess għal dokmenti għandu jingħata mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni mhux biss għad-dokumenti miktuba mill-istituzzjonijiet, iżda wkoll għad-dokumenti li dawn jirċievu sabiex ikun hemm aktar trasparenza fix-xogħol ta' l-istituzzjonijiet. F'dan il-kuntest, għandu jinfakkar li d-Dikjarazzjoni Nru 35, mehmuża ma' l-Att Finali tat-Trattat ta' Amsterdam jipprovdi li Stat Membru jista' jitlob lill-Kummissjoni jew lill-Kunsill li ma jikkommunikawx lil partijiet terzi dokument li gēj minn dak l-Istat mingħajr il-kunsens tiegħu minn qabel.

↓1049/2001 Premessa (11)

- (17) Bħala prinċipju, kull dokumenti ta' l-istituzzjonijiet għandhom jkunu aċċessibbli għall-pubbliku. Madankollu, bħala eċċezzjonijiet, xi interessi pubbliċi u privati għandhom jitħarsu. L-istituzzjonijiet għandhom ikollhom id-dritt li jħarsu l-konsultazzjonijiet u deliberazzjonijiet interni tagħhom fejn meħtieġ sabiex jissalvagwardjaw is-setgħa tagħhom li jwettqu l-kompiti tagħhom. Meta jagħmlu stima ta' l-eċċezzjonijiet, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw il-prinċipji tal-liġi Komunitarja dwar il-protezzjoni ta' *data* personali, f'kull qasam ta' l-attivitajiet ta' l-Unjoni.
-

↓1049/2001 Premessa (12)

- (18) Ir-regoli kollha dwar l-aċċess għal dokumenti ta' l-istituzzjonijiet għandhom ikunu skond dan ir-Regolament.
-

↓1049/2001 Premessa (13)

- (19) Sabiex il-ħarsien tad-dritt ta' l-aċċess jiġi żgurat, għandha tiġi applikata proċedura amministrattiva b'żewġ stadji, flimkien mal-possibbiltà ta' proċedimenti fil-qrati jew ta' lmenti lill-Ombudsman.
-

↓1049/2001 Premessa 14
(adattat)

- (20) Kull istituzzjoni għandha tiegħu l-miżuri meħtieġa sabiex tinforma lill-pubbliku dwar id-dispożizzjonijiet ~~għodda~~ fis-seħħ u sabiex tħarreġ l-impjegati tagħha biex jgħinu liċ-ċittadini jeserċitaw id-drittijiet tagħhom taħt dan ir-Regolament. Kull istituzzjoni għandha tagħti aċċess għal reġistru ta' dokumenti sabiex tgħin liċ-ċittadin jeżerċita dawn id-drittijiet.
-

↓1049/2001 Premessa (15)

- (21) Għalkemm l-emenda ta' liġijiet nazzjonali dwar aċċess għal dokumenti m'hijiex l-iskop jew l-effett ta' dan ir-Regolament, permezz tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali li tirregola r-relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri, l-Istati Membri għandhom jaraw li ma jfixklux l-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament u għandhom iħarsu r-regoli ta' sigurtà ta' l-istituzzjonijiet.
-

